



WINSTON L. ZAMMIT B.A.(Hons.), M.A.

# TAS-SLIEMA U L-FERUTI TA' L-EWWEL GWERRA

Matul l-ewwel Gwerra Dinjija (1914–1918) Malta, bħala kolonja ta' l-Imperu Ngliż, tat il-kontribut tagħha bi tliet modi. Bħala bażi Navali, bħala Sptar u numru ta Maltin servew fl-Armata u fil-Flotta u f'Korpi ta' xogħol li ħadmu barra minn Malta f'Salonika u fl-Italja. Il-kontribut siewi ta' Malta bħala Sptar wassal biex ingħatat l-isem ta' "The Nurse of the Mediterranean".

Fl-1915 l-Ingilterra ddeċidiet li tattakka d-Dardanelli fit-Turkija, u għal dan il-għan intbagħtu hemm suldati Ngliżi u mill-Imperu. Il-feruti mit-Turkija bdew jinġiebu Malta, u aktar 'il quddiem meta l-Ingliżi niżlu f'Salonika fil-Greċja, bdew jinġiebu wkoll il-feruti minn hemm.

Fl-ewwel xhur tal-Gwerra li bdiet f'Awissu 1914, ma kien hemm xejn li jindika li Malta setgħet tintuża bħala Sptar. Iżda domanda mill-Eġittu li saret fi Frar 1915 dwar l-Isptarijiet f'Malta wasslet għall-preparazzjoni ta' skema għal 3,000 sodda għall-morda u l-feruti f'Malta u għall-konvalexxenti f'Għawdex. Il-miġja ta' eluf ta' feruti f'Malta wasslet biex iwaqqfu 27 Sptar imxerrda f'diversi nħawi fil-Gżejjer Maltin, fosthom tnejn f'Tas-Sliema.[1]

**Il-Kontribut ta' Tas-Sliema**

F'Tas-Sliema twaqqfu żewġ Sptarijiet, wieħed fil-Barracks ta' Tignè u l-ieħor fl-Iskola Primarja li ġiet mibdula fi Sptar bl-isem ta' "St John's Hospital". Bħala għajnuna għall-feruti f'Tas-Sliema nfetħet ukoll "Tea Room". Stabbilimenti u Ordni Reliġjuż taw ukoll il-kontribut tagħhom biex jgħinu lill-feruti.

L-ewwel feruti, 600 b'kollox li kienu fil-biċċa l-kbira tagħhom konvalexxenti, waslu Malta fl-4 ta' Mejju 1915. F'gazzetta lokali sibna deskrizzjoni ta' dak li seħħ f'Tas-Sliema meta waslu hemmhekk l-ewwel feruti: "At Sliema the passage of the ambulance service conveying the wounded to Tignè created quite a sensation. The inhabitants turning out en-masse to welcome the heroes. Amidst loud cheers flowers were thrown into the vehicles whilst several of the more ardent admirers approached with chocolates, cakes and cigarettes".[2]



**'High Tea' mogħti f'St Patrick's School, Sliema, għas-suldati feruti – tidher iddoqq il-Banda tal-K.O.M.R.**

Tmint ijiem wara, fil-11 ta' Mejju 1915, waslu 800 ferut ieħor. Il-vapur li kienu fuqu daħal fix-Xatt ta' Tas-Sliema u l-feruti tniżżlu l-art u ġew trasportati lejn St Andrew's u Pembroke. Anke f'din iċ-ċirkostanza għandna deskrizzjoni ta' dak li seħħ f'Tas-Sliema: "The men were transported to the mole well covered and protected from the sun. On arrival they were welcomed by the Ladies of St John's Ambulance Brigade and the British Red Cross Societies, and other ladies who served them from liberally furnished tables erected on the Mole. Enormous crowds gathered in the neighbourhood".[3]

**L-Isptar ta' Tignè**

Għalkemm l-ewwel feruti mal-wasla tagħhom ittieħdu f'Tignè, dan l-isptar ma nfetaħx qabel l-14 ta' Ġunju 1915. Kien Sptar Ġenerali li tħalla f'idejn it-Tabib Malti Surgeon Major Robert Randon R.M.A. Fil-bidu kellu 676 sodda li aktar tard żdiedu għal 1,100 sodda.[4]

Dan l-isptar baqa' jopera sad-9 ta' Jannar 1919, u fih kif wieħed seta' jistenna mietu diversi feruti.[5] Minbarra l-istaff ta' l-isptar,[6] il-feruti ta' Tignè sabu l-għajnuna mingħand xi għaqdiet. Il-Kumitat tan-nisa tal-"British Red Cross Society" qassmitilhom kotba u xi affarijiet oħra,[7] filwaqt li s-Soċjetà Mandolinistika La Vallette tat ukoll Kunċert.[8] Fil-qasam spiritwali nsibu li l-Arċisqof Dom Mawru Caruana OSB mar f'dan l-isptar fit-23 ta' Mejju 1917 fejn amministra s-Sagrament tal-Griżma lil diversi suldati rikoverati fl-Isptarijiet ta' Tignè, Manoel u l-Mellieħa u xi studenti ta' l-iskola.[9] Bħala għajnuna għall-feruti l-Arċisqof Caruana ordna li jitnaqqas sewwa d-daqq tal-qniepen tal-Knejjes f'diversi postijiet, fosthom Tas-Sliema.[10]

**St John's Hospital**

Fl-1915 l-Iskola Primarja tal-Gvern f'Tas-Sliema, li l-bini tagħha kien tlesta fl-1910, inbidlet ukoll fi sptar għall-feruti. Fil-fatt gazzetta lokali tgħidilna li "The Government Elementary School at Sliema has now been opened as a hospital, with 200 patients under the name of St John's Hospital".[11] F'dan l-isptar li fih kien hemm ukoll librerija, saru wkoll xi attivitajiet għall-feruti.[12]

**It-Tea Room**

Ftit wara l-miġja ta' l-ewwel feruti f'Tas-Sliema, il-Kumitat tal-"Union Club" poġġa għad-dispożizzjoni tal-Kumitat tan-nisa tas-"St John's Ambulance Brigade" u tal-"British Red Cross" parti mill-klabb f'Għar id-Dud. Ġie deċiż li tinfetaħ "Tea Room" għas-suldati feruti li kellha tinfetaħ kuljum fost il-ġimgħa bejn l-4 p.m. u s-7 p.m., u għaldaqstant sar appell għal ċerti affarijiet ta' l-ikel.[13] Din it-"Tea Room" ġiet inawgurata nhar il-Ħamis, 20 ta' Mejju 1915 u mill-ewwel attendew numru kbir ta' feruti,[14] tant li sa Ġunju kienu jattendu bejn 120 u 130 kuljum. L-għotjiet ma naqsux, tant li bejn il-21 ta' Mejju 1915 u t-22 ta' Ġunju 1915 inġabret is-somma ta' £37.5sh.4½d.[15] Il-kwartett tal-Kavalier Lancellotti kien jagħti trattament mużikali kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa.[16]

**Diversi Attivitajiet Oħra**

Il-Gwerra iżda minbarra l-imsemmija "Tea Room" saru wkoll attivitajiet reliġjużi, soċjali, sportivi u rikreattivi għall-feruti f'inħawi oħra ta' Tas-Sliema. F'Jannar ta' l-1916 mitt konvalexxent miż-żewġ sptarijiet oħra kienu mistiedna għat-te, fil-lukanda Imperial,[17] filwaqt li fi Frar ta' l-1917 numru ta' konvalexxenti ġew mistiedna biex jaraw xi films fiċ-Ċinema "Conqueror".[18] Imbagħad nhar il-festa ta' San Patrizju (18 ta' Marzu) ta' l-istess sena, saret Sports Day għall-feruti u konvalexxenti Irlandiżi fl-Iskola St Patrick's, Tas-Sliema, li għaliha kienu preżenti l-Gvernatur Lord Methuen u l-Arċisqof Dom Mawru Caruana OSB. Saru numru ta' attivitajiet u wara l-preżentazzjoni tal-premjijiet, 750 ruħ ingħataw it-te.[19] Fis-sena ta' wara (1918) il-festa ta' San Patrizju reġgħet ġiet iċċelebrata fl-istess skola b'funzjonijiet reliġjużi, kompetizzjoni ta' l-isparar u laqgħa atletika. Wara ngħata t-te lil 500 konvalexxent.[20]

**L-Għeluq ta' l-Isptarijiet (1919)**

Il-Gwerra l-Kbira spiċċat fil-11 ta' Novembru 1918. Sa l-aħħar ġimgħa ta' Jannar 1919, il-parti l-kbira ta' l-isptarijiet jew kampijiet tal-konvalexxenti li kienu nfetħu minħabba l-gwerra kienu għalqu jew fil-proċess li jagħlqu, tant li gazzetta lokali tgħidilna li "only a few hundreds of thousands of convalescents remain on the island and these are likewise being sent home".[21] L-Isptar ta' Tignè nnifsu għalaq fis-6 ta' Jannar 1919.[22] B'hekk għalaq kapitlu ieħor fl-istorja ta' Malta u ta' Tas-Sliema.

**REFERENZI**


1. A.V. Laferla, British Malta, Vol. II (Malta 1947), pp. 200–201.
2. D(aily) M(alta) C(hronicle), 6.V.1915.
3. Ibid., 14.V.1915.
4. Minn Noti miktuba minn Surgeon Major Robert Randon, li ġie maħtur Medical Officer in-Charge Hospital, Tignè, fis-17.V.1915. Dan it-tagħrif ġie mogħti lili minn ibnu l-Avukat Goffredo Randon LL.D. f'ittra bid-data ta' l-10.VIII.1987.
5. Ara D.M.C. 12.VII.1915, 13.VII.1915, 13.VII.1915, 22.VII.1915, 24.VII.1915, u 27.VII.1915.
6. Minbarra t-Tabib Randon, f'dan l-Isptar kien hemm tobba oħra fosthom Dr V. Bonavia li kellu l-kariga ta' Civil Surgeon. Ara D.M.C. 9.I.1917.
7. D.M.C. 19.V.1915.
8. Ibid., 2.VI.1915.
9. La Diocesi, 7.VI.1917, p. 309.
10. Malta, 5.VI.1915.
11. D.M.C. 2.IX.1915.
12. Ibid., 21.X.1915, 22.I.1916, 25.IV.1916.
13. Ibid., 18.V.1915.
14. Ibid., 22.V.1915.
15. Malta, 9.VII.1915.
16. D.M.C. 10.VI.1915.
17. Ibid., 29.I.1916, 3.II.1916.
18. Ibid., 6.II.1917.
19. Ibid., 4.IV.1917.
20. Ibid., 21.III.1918.
21. Ibid., 27.I.1919.
22. Noti tat-Tabib Maġġur Dr Robert Randon, op.cit.